**KUNSILL LOKALI LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

# MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NR 18 – L-ERBGHA 20 TA' OTTUBRU 2010

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu f'Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr. Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr. Marc Sant | Kunsillier |
| | Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti inqraw u wara li kienu approvati gew iffirmati mis-Sindku u S-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondant is-Sinjorina Lorraine Farrugia.

1.2 Lista ta' pagamenti annessa gew approvati fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi sekondata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia.

## 2. PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP – TOROQ

2.1 Is-Sindku, Dr. Ian Castali Paris, informa lill-Kunsill dwar landament tax-xogholijiet tal-progett PPP TOROQ. Huwa qal li l-kuntrattur, Polidano Brothers, kien beda x-xoghol nhar is-Sibt 2 t'Ottubru 2010.

2.2 Il-Perit John Rizzo Naudi, li qed jiehu hsieb dan il-progett ghandu jkompli jzomm lill-Kunsill infurmat b'dak kollu li qed jigri fir-rigward ta' dawn ix-xogholijiet.

2.3 Ir-residenti kienu nfurmati b'dawn ix-xogholijiet biex jigi evitat kull inkonvenjent ghan-nies li joqghodu f'dawn l-inhawi ta' fejn qed isir ix-xoghol.

## 3. KUNTRATT GBIR TA' SKART

2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew xi tibdil li ghandhom isiru fil-kuntratt il-gdid imfassal mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ghat-tender ta gbir ta' skart domestiku.

## 4. DEVOLUZZJONI TAL-BELVEDERE

4.1 Is-Segretarju Ezekkuttiv, Is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill dwar il-laghqa tal-Board tad-DCC li nzammet nhar id-19 t'Ottubru 2010.

4.2 Ghal din il-laghqa kien hemm prezenti il-Perit Claude Busuttil, li ha hsieb biex jissottometti l-applikazzjoni mal-MEPA biex jsir ix-xoghol ta restawr.

4.3 Waqt is-smiegh ta' din l-applikazzjoni il-Perit Busuttil spjega fid-dettal ix-xogholijiet li jinhtieg isiru biex dan il-Belvedere jkun jista' jigi restawrat.

4.4 Ic-Chairman ta' dan il-Board apprezza hafna li l-Kunsill qed jiehu din l-inizjattiva li ghandha tkun ta' ezempju ghal-haddiehor f'dak li jirrigwarda restawrar ta' bini storiku.

4.5 Id-Decizjoni favur biex isir dan ix-xoghol kienet unanima u fir-rigward tad-depositu mitlub bhala garanzija, il-board ghamel rakomandazjoni li c-Chairman ta' l-Awtorita biex din titnaqqas jew titnehha ghal-kollox.

## 5. PREMJU GIEH L-ARTIGJANAT MALTI

5.1 Il-Vici-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, ipproponiet biex ix-xoghol pirotekniku li taghmel l-ghaqda San Mikiel jkun ipprezentat mill-Kunsill biex jinghata Gieh l-Artigjanat Malti.

5.2 Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta u ghandhom jingabru id-dettalji mehtiega biex issir l-applikazzjoni

## 6. PJAN TA’ HIDMA

Il-Kunsilliera, filwaqt li approva l-punti ta’ pjan ta’ hidma mressqa waqt l-ahhar laghqa tal-Kunsill, qablu biex izidu dan li gej:

6.1 Ufficini tal-Kunsill

a. Ghandu jsir dak kollu possibli biex jinstab post alternattiv bhala ufficcju tal-Kunsill ghar-raguni li dan il-post ghadu minghajr titolu u huwa difficli hafna biex xi darba jkun hemm kuntratt f’dan ir-rigward. Minnbarra li wiehed ghandu jfittex dar ohra bhala alternattiva, ghandha ssir hidma biex jekk huwa possibli l-Kunsill jinghata parti mil-iskola biex tkun zviluppata ghal dan il-ghan.

6.2 Tisbieh Qalba tar-Rahal

a. Il-kunsill ghandu jahdem fuq pjan biex isir tisbieh fil-qalba tar-rahal billi jitrangaw il-bankini ezistenti u jsir pavimentar gdid fejn mehtieg. Fost dawn il-bankini issemmiet Triq Sir Ugo Mifsud, hdejn il-Kazin tal-Banda San Pio X, biex tkun fil-lista tal-bankini godda fil-qalba tar-Rahal. Dan ix-xoghol jista jsir wara li jkun hemm il-permess tat-Transport Malta u kemm-il darba jkun hemm il-fondi mehtiega biex isiru dawn ix-xogholijiet skond priorita imfassla mill-Kunsill.

b. Il-Fanali ornamentali li hemm prezenti fil-qalba tar-rahal ghandhom jigu upgraded b’lampi godda u ghandhom jitpoggew ohrajn godda fejn jinhtieg.

c. Il-bankijiet ghandhom ukoll jigu upgraded u jisru ohrajn fejn jinhtieg.

d. Lampi ornamentali fi Triq Trasfigurazzjoni li ghandhom jsiru permezz tal-fondi allokati mill-Gvern Centrali wara t-talba li kienet saret mill-Kunsill taht l-iskema.

e. Lampi ornamentali ohra ghandhom ukoll jizdiedu fil-qalba tar-rahal fejn ikun hemm mehtieg.

## 7. TRAFFIC MANAGEMENT

7.2 IL-Kunsilliera ghal darb’ohra ddiskutew il-problema tat-tarffiku fil-lokalita.

7.3 Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris, informa lill-Kunsill li ser jinsisti ma’ Transport Malta biex dawn jghatu l-verzjoni taghhom dwar l-azzjoni li ghandha ttiehed biex din il-problema tkun affacjata bis-serjeta darba ghal dejjem. Huwa rrefera ghal-laghqa li nzammet mal-Perit Susanne Bonello, nhar it-12 ta’ Lulju 2010. Fil-fehma tas-Sindku kien ghaddha zmien bizzejjed biex il-Kunsill ikollu risposta ghat-talbiet u suggerimenti li kien ghamel dak in-nhar.

7.4 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha terga tkun ikkunsidrata il-possibilta biex jitpoggew traffic lights fi Triq il-Kuncizzjoni biex din it-triq tkun tista terga tintuza biz-zewg direzzjonijiet kif kienet qabel.

## 8. LAQGHA

8.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-7.30p.m.

Il-Laqgħa li jmiss ser tinżamm nhar l-Erbgha 17 ta’ Novembru 2010 fl-5.00p.m..

Dr. Ian Castaldi Paris
Sindku

Sur Alfred Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv